**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

25 **ta' Marzu 2021**

Il-Kunsilli Lokali Isla Itaqa' onlajn fuq Join Meeting illum il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021 fil-5.30p.m..

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 28 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **28.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **28.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 28.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 27 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar.. |
| **28.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 28.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-Open Gym beda x-xogħol u ser jitkompla bhal nhar it-Tnejn ġimgħa għaliex irridu napplikaw għas-servizz tad-dawl ma l-ARMS pero hemm meter tad-dawl u s-sindku ser jiċċekja jekk hemmx xi kontijiet pendenti u jekk dan jistax jinqaleb fuq il-kunsill, jekk le l-kunsill ikun irrid japplika għal Meter ġdid li din tiswa €730. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar saqsiet dar il-fanali li kien hemm il-Pjazz jekk hux ser issiru fl-open Gym iżda il-perit ma tanix parir li jsiru hemm, saqsiet jekk hux ser ikun hemm dawl u s-sindku irrisponda li iva u dawn ser ikunu imqabda mad-dwal tat-toroq. |
| 28.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa onlajn mal-Perit Fleur Ebejer rigward il-Mobile App ta' URBACT li ser tiġi pruvata fix-xhur li ġejjien. |
| 28.03.03 | Is- Sindku ressaq proposta mIs-Senglea Regatta fejn talbu li bil-fthiem ngħaddu l-letrina tal-ponta biex jibdew jieħdu ħsieb tagħha huma pero isir kuntratt tal-ħinjiet, tindif u materjal tat-tindif u l-kont tad-dwal. Il-Kunsilliera qablu dwar dan u li dan jogħodd sa din il-leġislatura u għandu jsir kuntratt bl-avukat. |
| 28.03.04 | Is-Sindku id-diskuta mal-kunsilliera dwar Laqgha tas-Sindki tal-Kottonera fejn tkellmu dwar Europen Capital of Culture u kien hemm qbil li wara dan is-survey il-Birgu tkun il-lokalita biex tapplika u l-kunsilli tal-kottonera jkunu bħala Bliet tal- Kottonera fejn ikunu tas-sapport mal-Birgu.<br><br>F' din il-laqgħa tkellmu wkoll dwar il-kwotazzjoni tar-roti għal pulizija tal-komunita biex forsi jinħareġ xi fond mil -fondazzjoni. |

| | |
|---|---|
| 28.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li attenda għall- laqgha mal-kumitat tal-ECO SKOLA fejn tkellmu rigward is-siġar ta' fejn l-iskola biex isiru b' fence apposta u xibka tal-ħadid fuq il-ħamrija ħabba il-ħmieg. Is-sindku iddiskuta magħħhom sabiex it-tfal ipenġu tpenġija biex juru li ħadd ma jista' jarmi l-ebda tip ta' skart fil-ħawtijiet tas-siġar u teħel fis-siġar il-ġodda. |
| 28.03.06 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar il-Proġetti fil-komunitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl tal-iskema tal-LESA sabiex tiġi diskussa. Is-Sindku ħareġ bil-proposta li l-kunsill jista japplika għar-restawr tal-arzella li kemm il-darba tisemma biex issir restwar taghħa pero qatt ma kien hemm fondi u Triq Sant Anġlu biex tiġi bil-pavimentar. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar irrispondiet fejn ikkonfermat li t-tnejn hemm bżonn li jsiru u l-kunsilliera preżenti qablu ma dan. Is-sindku informa lil kunsilliera li la darba hemm qbil fuq dawn il-proġetti l-aħjar li l-kunsill jibgħat ċirkulari sabiex jinforma lir-residenti l-pjan li gġandu l-kunsill biex jekk ikun hemm xi ilment jew suġġeriment iressquh mill-ewwel kif sar fil-Pjazza 4 ta' Settembru. |
| 28.03.07 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal-laqgħa mas- Sur John Galea RO tal-lesa fejn flimkien iddiskutejna mas-Sur Stephen Buttigieg minħaabba l-Pjazza 4 ta' Settembru u ġie mifthiem li s-Sur Stephen jista' jipparkja minn-naħa ta' wara tal-ħanut fejn għandu lifter għall-istore tiegħu għall-merkanzija pero din mhux għal ħanut wieħed biss. |
| 28.03.08 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar l-ilmenti fi Triq San Ġużepp minħabba karrozzi li qegħdin jagħmlu ostaklu quddiem il-biebien tan-nies, il-kunsill ser iressaq dan l-ilment lil TM sabiex issiru double yellow lines.<br><br>Ilmet ieħor minħabba un/loading ta' RED MAR BUTCHER għaliex qed issib problema minħabba ix-xuffiera tad-delivery meta jiġu għandu. Diġa kellem lill kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar pero dan il-kaz ġie diskuss qabel fiż-żmien kunsill ieħor u transport malta ma kienux approva permessi għalhekk il-kunsill ser jerġa jagħmel it-talba lil TM. |
| 28.03.09 | Is-Sindku ressaq imejl li irċieva mill-Assoċċjazzjoni<br><br>*Għall-Attenzjoni tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv*<br><br>*Sinjuri,* |

| | |
|---|---|
| | *L-Assoċċjazzjoni qed iżżomm komunikazzjoni kontinwa mal-Ministeru għall-Enerġija, li hu resposabbli mill-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi f' Pajjizna.*<br>*L-Assocjazzjoni tenniet diversi drabi l-pożizzjoni tagħha li qabel tinda teħel infrasstruttura simili, għandu jkun hemm pjan ħollistiku u politika ċara ta' prijoritajiet għal Gvern f' dan ir-rigward. Dan ġie aċċettat u qed naħdmu flimkien f' din id-direzzjoni. Fid-dawl ta' dan, qed nitolbu lil Kunsilli Lokali sabiex jindikaw sa ħames postijiet F' dan ir-rigward, il-Kunsilli Lokali qed jiġu mitluba jindikaw fejn huma jaħsbu li jkun utli li jiġu nstallati charging pillars ghal dan il-għan fil-lokal tagħhom. Idealment, għandu jiġi indikat, l-isem tat-triq u l-geolocation mill-google maps biex nassiguraw li jinżammu l-istess lokazjonijiet provduti mill-Kunsill.*<br><br>*Għal dan il-għan qed nibgħatu anness dokument bid-dettalji li għandhom jigu inklużi.*<br><br>*Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom f' dan ir-rigward u tiddiskutu dan is-suġġett fl-ewwel seduta li jmisskom. Wara li din il-materja tiġi dikussa fil-Kunsill, ġentilment nitolbukom timlew il-formola. <u>Afgħas Hawn</u>*<br>*Grazzi u tislijiet,*<br><br>Il-Kunsilliera issuġġerew li jsir charging pillars fejn il-Grawnd tal-futbol. |
| 28.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fi Pjazza Andrea Debono għandu jsir servizz ġdid tal-ilma għaliex il-kuntrattur tas-siġar qed issib problemi biex isaqqi fi Pjazza Andrea debono għaliex hemm ħafna spralli. Jekk issir dan is-servizz tal-ilma il-kunsill jevita li jinkisru spralli li dawn jiswew mal-€350. L-Applikazzjoni għal dani is-servizz hija ta' €780. Din l-applikazzjoni ħa tibqa' isservi għal quddiem għaliex il-kuntrattur huwa bl-obbligu li jsaqqi għal sena biss. Il-kunsilliera qablu ma dan għalhekk hemm bżonn li ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex issir ftehim dwar il-ħlas tal-konsum għal din is-sena peress li hemm il-kuntratt li dan irrid isaqqi għal-ewwel sena. |
| 28.03.11 | Is-Sindku informa lil knsilliera li l-ħaddiema tar-Reġjun qed jagħmlu ż-żebgħa tal-letrini tax-xatt. |
| 28.03.12 | Is-sindku ressaq ittra uffiċċjali minn għand TM dwar il-linji li saru fi Pjazza Don Mauro Inguanez. Saret kaxxa blu u oħra tneħħiet għaliex |

| | |
|---|---|
| | ir-resident ġie nieqes. Is-Sindku ressaq l-ilment dwar resident li mhux qed ikollu aċċess biex joħroġ jew jidħol fid-dar tiegħu minħabb karrozzi li jipparkjaw eżatt mal-bieb tiegħu, għalhekk il-kunsill ser iressaq l-applikazzjoni sabiex issir kaxxa safra. |
| 28.03.13 | Is-Sindku ressaq l-iskema tal-Urban Greening sabiex il-kunsill jerġa japplika għal-aktar siġar u pjanti. Is-Sinjorina Corinne Buhagiar resqgħet is-suġġeriment tagħħa sabiex issiru Green Walls. |
| 28.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl mibgħuta mill-Lands Authority u Housing Authority li mill-1 t' April iċ-ċekkijiet għandhom jintbgħatu dirett lil Awtorita u mhux lil kunsill. |
| 28.03.15 | Is-Sinkdu ressaq rapport lil għassa dwar gallarij li ser taqa' u qeda fil-periklu fi Triq San Pietru u San Pawl. |
| 28.03.16 | Is-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera li intbgħatu endorsment letters minn għand il-każin tal-labour u tal-PN lil Ministru Chris Agius sabiex issir struttura tal-ħadid biex issiru tajr għall-programm t' attivitajiet għall-Belt tal-Kultura 2022. Is-Sindku bagħat imejl tal-programm kollu li ser issir għal Belt Kulturali 2022. |
| 28.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomuikat mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellha flimkien mal-kunsilliera Corinne Buhagiar mas-Sinj. Lynn Spiteri mill-meusac sabiex napplikaw għall fondi mill-ewropa biex jinxtraw laptops u VR għall korsijiet fil-librerija, issiru diskussjonijiet mal-anzjani dwar temi fuq is-saħħa u l-ħajja soċjali, jinxtara chair lift għal l-istess anzjani jew żgħażagħ li jkollohom problema biex jitilgħu t-taraġ sabiex jużaw is-sala. Tiġi irranġata l-kċina sabiex waqt il-korsijiet ikunu jistgħu jieħdu coffee break u defiblirator sabiex ikun hemm aktar sigurta waqt il-korsijiet. Irrid issir survey sabiex jiġi preżentat mal-applikazzjoni. Il-Kunsilliera qablu dwar dan unanimament. |
| 28.03.18 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li l-proċess tal-ktieb għall-Jum L-Isla mixi. |
| **28.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla |

| | |
|---|---|
| | Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>It-Trinka li saret mill-GO ser tiġi ittranġata ?<br><br>Dawn ser jiġu jirranġawa<br><br>Kif baqa' il-kunsill dwar it-toroq ta' Triq il-Vitorja u Triq il-Porto Salvo ?<br><br>Il-Kunsill bagħat imejl lil Ministru kif ukoll lis-Sur Mario Fava tal-AKL.<br><br>Triq il-Ponta mhux xi ħaġa faċli li issir għaliex hemm ħafna kantini u kċejjen tan-nies. Fuq Triq il-Ponta jrid issir studju sew minn periti minħabba dawn l-ostakli.<br><br>Triq is-Sur qed iżomm ħafna ilma, x'jista' jagħmel i l-kunsill ?<br><br>Il-Kunsill bagħat diversi imejls lil Perit. Is-Sindku informa lil kunsilliera li fejn hemm biċċa li qed iżomm l-ilma ser jgħid il-kuntrattur sabiex jaqta biċċa żgħira u jagħtiha it-tarmac minn ħabba idn il-ħofra għaliex jista jaqa' xi ħadd.<br><br>Meta ser issiru sleeping policeman fix-xatt u fil-ponta tal-Isla?<br><br>Il-Kunsill bagħat għall kwotazzjonijiet u kellna suġġerimenti li bil-konkos issir ħafna ħsara għall-vetturi. |
| **28.5** | **Rapporti** |
| **28.6.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2021 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **28.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 28.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl lill Kunsilliera kollha l-iskeda ta' pagamenti, skeda Nru 3/ 2021 għall-approvazzjoni. |
| 28.7.2 | Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |

| | |
|---|---|
| **28.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 28.08.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 t' April 2021 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 27 ta' Mejju 2021

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv